MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 385/2011

Kawza fil-lista: 21

**WE**
**vs**
**BN**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Dicembru 1987, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t'itfal, illum kollha maggjorenni, G, R u S, ahwa E, li twieledu rispettivament fis-7 ta' Jannar 1989, fis-17 ta' Lulju 1990 u fis-19 ta' Novembru 1993; li l-partijiet isseparaw legalment b' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottoressa Elena Farrugia, tat-8 ta' Mejju 2003; li ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni, il-partijiet kienu ddikjaraw li ddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment, filwaqt li l-manteniment ghat-tfal

kellu jithallas sakemm it-tfal jilhqu t-tmintax-il sena, liema manteniment dejjem thallas; li l-partijiet ilhom legalment separati tmien snin u nofs, u m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni, stante li t-tnejn komplew b' hajjithom u fil-fatt ir-rikorrent qieghed f'relazzjoni ohra u ghandu tarbija wkoll; li ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat mahlul ai termini ta' l-artikolu 66B tal-kapitlu 16; ghalhekk ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg mahlul u li din is-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku skont il-ligi;

Rat ir-risposta li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi hija ssib oggezzjoni biex iz-zwieg taghha mar-rikorrenti jigi mahlul skont kif inhu mahsub fl-Artikolu 66A tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi a tenur ta' l-Artikolu 66B(c) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-wild taghhom Tiziana Maria E li llum ghandha tmintax-il sena u li qieghda tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig u taghlim full-time u ghandha nqas minn tlieta u ghoxrin sena, ghandha tibqa' tircievi manteniment adegwat kif inhu mahsub fl-Artikolu 3(B) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XIV tal-2011.

2. Illi l-Qorti ghandha tassigura illi l-kundizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal manteniment tal-bint Tiziana Maria E li llum ghandha tmintax-il sena, ghandhom jibqghu jigu mhallsa mill-missier sakemm din taghlaq 23 sena ossia u dan sakemm hija tispicca l-istudji terzjarji taghha u dan il-manteniment jibqa' sodisfatt u dan a tenur tal-Ligi.

3. Illi l-missier waqaf ihallas il-manteniment ta' bintu fid-19 ta' Novembru 2011, wara li din ghalqet tmintax-il sena, minkejja li din il-bint ghadha f' edukazzjoni terzjarja full time.

4. Illi r-rikorrenti waqaf ihallas dan il-manteniment minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3B tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XIV tal-2011, liema disposizzjonijiet huma t'ordni pubbliku u ghalhekk l-obbligi tieghu m'humiex naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni

biss imma wkoll minn dak li jiddisponi l-Ligi u mid-drittijiet tal-bint.

5. Illi l-Qorti ghandha jekk tilqa' t-talba ghad-divorzju a tenur ta' l-Artikolu 66I(3) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-hlas tal-manteniment mir-rikorrenti jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkostanzi, liema garanzija ghandha tkun f'ammont li ma jeccedix manteniment ghal hames snin u dan stante li huwa ma kienx ihallas fil-pront l-ispejjez edukattivi li kienu parti mill-manteniment dovut ghal uliedu.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, stante li l-partijiet ilhom separati legalment mit-8 ta' Mejju 2003; ma hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni; u li, filwaqt li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tircevi manteniment ghaliha, il-manteniment ghat-tfal dejjem thallas sakemm ghalqu tmintax-il sena, skont it-termini tal-kuntratt.

Illi l-konvenuta qeda tibbaza l-oggezzjoni taghha fuq il-fatt pacifikament akkolt miz-zewg partijet li, l-attur qed jirrifjuta li jkompli jhallas manteniment ghat-tifla Tiziana li, llum ghandha 19-il sena u hija studenta full-time fl-edukazzjoni terzjarja fit-termini ta' l-artikolu 3B[2][a] tal-kapitlu16.

Illi t-tezi tal-attur tistrieh fuq il-prinicipju fundamentali ta' *pacta sunt servanda*, dak li kienu ftehmu l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ghalhekk, galadarba l-partijiet fthemu li l-manteniment ghat-tfal kellu jibqa' jinghata biss sakemm dawn jaghlqu tmintax-il (18) sena, allura l-konvenuta ma tistax issa validament tippretendi li jigi njorat dak pattwit bejn il-partijiet, u tezigi manteniment ghat-tifla fuq dak li jghid l-artikolu 3B tal-kapitlu 16 kif emendat fis-sena 2011.

Illi min-naha taghha l-konvenuta tikkontendi li d-disposizzjonijiet kontenut fl-imsemmi artikolu tal-ligi, kif emendat, huma ta' ordni pubbliku, u ma jistawx jigu njorati; u li d-dritt ta' manteniment kif kontenut fl-artikolu 3B[2][a] johrog mill-ligi u mhux minn dak pattwit bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk skont il-partijiet il-vertenza tirriduci ruhha ghall-punt jekk f' dan il-kaz ghandux japplika biss dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, jew ghandux japplika wkoll l-artikolu 3[2][a] u jinghata manteniment ghat-tifla Tiziana.

In propozitu huma opportuni l-osservazzjonijiet segwenti:

[1] li, sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-attur proposta ai termini tal-artikolu 66A, huwa necessarju li jikkonkorru l-kondizzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 66B, fosthom dik li "(c) il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-artikolu 57"[1]. Issa, l-artikolu 57 fis-sub inciz [1] jaqra testwalment hekk: "Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati l-ulied minuri[2] tal-mizzewgin, il-mizzewgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall -manteniment u l-edukazzjoni, skont il-ligi".

Illi mill-premess johrog car li l-ambitu tad-disposta tal-artikolu 66A[c] huwa limitat biss ghat-tfal minuri tal-koppja, u ma jkoprix ukoll l-obbligu tal-manteniment tal-genituri, izjed wiesa', kif kontemplat fl-artikolu 3B. Ghalhekk, fil-kaz in dizamina, galadarba t-tifla tal-partijiet, li ghandha dsatax-il sena, m' ghadhiex aktar minorenni, l-artikolu 66B[c] mhux applikabbli.

[2] li, rigward il-punt tal-pacta sunt servanda, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz ma jikkonfigurax, stante li, kif fuq premess, it-tifla llum hija maggjorenni, u ghalhekk dak li

[1] Sottolinear tal-Qorti
[2] Sottolinera tal-Qorti

setghu ddecidew il-genituri fil-konfront taghha huwa llum, fl-assenza tal-prova tal-mandat tacitu, res inter alios acta ghaliha, fi kliem iehor, illum it-tifla maggjorenni taht it-tlieta u ghoxrin sena ghandha d-dritt ex lege li titlob manteniment minghand il-genituri taghha fuq il-bazi tal-artikolu 3B[2][a] taht il-kondizzjonijiet hemm indikati. Dan huwa dritt investit fit-tifla maggjorenni, u jista' jigi rinunzjat biss mill-istess.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-kondizzjoni kontemplata fil-paragrafu [c] tal-artikolu 66B huwa napplikabbli fir-rigward tat-tifla tal-partijiet ghall-ragunijiet premessi; filwaqt li huwa napplikabbli ghall-konvenuta stante li fil-kuntratt tas-separazzjoni dina qablet li kienet iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand l-attur.

Illi rigward il-kundizzjoni kontemplata fil-paragrafu [a] tal-istess artikolu, jirrizulta car li l-kuntratt ta' separazzjoni personali kien gie ppubblikat fit-8 ta' Mejju 2003, u ghalhekk ghadda l-perijodu ta' erba' snin kontemplat fl-istess paragrafu tal-ligi. Inoltre, rigward il-kondizzjoni kontemplata fil-paragrafu [b], jirrizulta wkoll car li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partjiiet.

Illi ghalhekk it-talba tal-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------